MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 28/2008

V. Spiteri & Sons Ent. Limited [C17067]

vs

Ministeru Ghal Ghawdex

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-12 ta' Settembru 2008, li permezz tieghu s-socjeta' attrici V. Spiteri & Sons Ent. Limited qed titlob li l-konvenut Ministeru Ghal Ghawdex jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tliet elef mitejn u sebgha u tmenin Euro u erbghin centezmi (€3,287.40) rapprezentanti xoghol ta' tiswija ezegwita fuq il-vettura tal-ghamla Targata bin-numru ta' registrazzjoni LAC-549 ;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-30 ta' Mejju 2008, u tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Awwissu 2008, u bl-imghax legali mill-14 ta' Ottubru 2006, kontra l-konvenut ;

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fil-11 ta' Novembru 2008, eccepixxa :-

1. Illi preliminarjament it-talba tas-socjeta' attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 tal-Kodici Civili ta' Malta ;

2. Illi minghajr preguduzzju ghas-suespost ix-xogholijiet in kwistjoni ma kienux awtorizzati mid-Dipartiment Customer Services fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex, u ma sarux skond l-arti u s-sengha ;

3. Illi inoltre l-fattura 'A' esibita fil-process tat-Tribunal flimkien mal-Avviz ma tikkonsistix fi *breakdown* tat-tiswijiet allegati imma turi biss it-total tal-allegat ammont dovut ;

4. Ghaldaqstant l-ammont ta' €3287.40 mhuwiex dovut mill-esponenti lis-socjeta' attrici ;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt ;

Bl-ispejjez.
Sama' l-provi ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Sama' lid-difensuri tal-partijiet ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi l-hlas li s-socjeta' attrici qed titlob huwa ta' xoghol ta' tiswija w installazzjoni mill-gdid tal-apparat tal-arja kundizzjonata fuq wahda mill-vetturi tal-isptar ta' Ghawdex li jintuzaw biex igorru pazjenti minn Ghawdex ghal Malta u lura, li jkolhom bzonn il-kura fl-isptar ta' Malta. Il-*mini van* li fuqha saret din it-tiswija ggib in-numru LAC-549, u l-hsara grat meta x-xufier li kien isuqha, certu Tony Sultana

ghadda minn taht tisqifa jew sporgenza tal-konkos li hemm fl-isptar San Luqa, Gwardamangia, u qaccat l-*outdoor unit* tal-apparat tal-arja kundizzjonata li kien imwahhal fuq is-saqaf tal-van u ghamel hsarat estensivi kemm f'dan l-apparat kif ukoll fis-saqaf tal-vettura. Dan sehh f'Settembru 2006. Billi ma kienx possibbli li jinstab apparat gdid tal-arja kundizzjonata minflok dak li kien gie danneggjat, ix-xoghol ta' tiswija fuq din il-van u fuq l-apparat tal-arja kundizzjonata ried isir minghajr stennija zejda billi dak iz-zmien dan kien l-uniku van li kien mghammar b'facilita' tal-arja kundizzjonata u b'*lifter* li seta' jintuza biex il-pazjenti jittiehdu Malta bil-kumdita'. Ghalhekk giet avvicinata s-socjeta' attrici biex taghmel it-tiswijiet kollha mehtiega fuq dan l-apparat tal-arja kundizzjonata kif ukoll fuq is-saqaf tal-van, u tinstalla l-apparat mill-gdid fuq il-vettura. Ix-xoghol tlesta f'temp ta' ftit gimghat, u l-kont mis-socjeta' attrici hareg fl-14 ta' Ottubru 2006, skond *invoice* li kopja taghha giet esibita fl-atti. Il-kawza mis-socjeta' attrici giet istitwita fit-12 ta' Settembru 2008. Permezz ta' ittra ufficjali tat-8 ta' Awwissu 2008 (Ittra numru 480/2008), il-konvenut kien gie nterpellat ghall-hlas, liema ittra ufficjali debitament innotifikata kienet giet imwiegba mill-konvenut permezz ta' ittra ohra tat-22 ta' Awwissu 2008 (Ittra numru 511/2008), fejn il-konvenut kien qed jikkontesta l-hlas pretis billi skond hu, ix-xoghol mis-socjeta' attrici ma kienx sar skond l-arti u s-sengha, u barra minn hekk it-talba ghall-hlas kienet kolpita bil-preskrizzjoni taht l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili. Il-konvenut fil-fatt rega' issoleva dan il-punt dwar il-preskrizzjoni fir-risposta tieghu ghat-talba li saret mis-socjeta' attrici u baqa' jsostni dwar din l-eccezzjoni sal-ahhar, u dan it-Tribunal ser jghaddi ghalhekk biex l-ewwel jezamina din l-eccezzjoni qabel il-meritu, u cioe' jekk l-azzjoni attrici hijiex perenta bid-dekors ta' tminatx il-xahar ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap.16 li tghid : 'L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax -il xahar .... (a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, ar luggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall -prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materja li jfornu .... ' ;

Fil-fehma ta’ dan it-Tribunal l-artikolu. 2148(a) tal-Kodici Civili ma jghoddx ghall-kaz fejn il-kreditur ikun imprenditur bhal ma hi s-socjeta’ attrici, hekk li l-prestazzjonijiet tieghu jkunu atti tal-kummerc. Dan qalitu l-Qorti ta’ l-Appell, Sede Inferjuri, f’sentenza moghtija fit-18 ta’ Mejju 1929, fil-kawza fl-ismijiet : **Tommaso Pace nomine versus Salvatore Muscat** [Kollez. Vol. XXVII.i.1013] : ‘*…. …. …. la disposizione dell’articolo 1912 dell’Ordinanza No. VII del 1868* (illum art. 2148 tal-Kodici Civili)*, secondo la quale si prescrivono col decorso di diciotto mesi le azioni dei sarti, calzolai, falegnami ed altre persone esercenti mestieri ed arti mecchaniche per prezzo delle loro opere, dei loro lavori e delle cose che somministrano, <u>non e’ applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti</u> …. ….. …. poiche’ la disposizione dell’articolo 1912* si riferisce a crediti di artefici che prestano la lora opera (*opera)*… …. …..’ ;

L-istess qalet il-Qorti tal-Kummerc f’sentenza moghtija fl-14 ta’ Ottubru 1954, fil-kawza fl-ismijiet : **Joseph Mizzi noe versus Joseph Delicata pro et noe** [Kollez. Vol.XXXVIII.iii.710] : ‘…. ….. ….. skond l-art. 2253(a) (illum art. 2148(a)) tal-Kodici Civili, jaqghu bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax -il xahar “l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta’ l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu”; …. ….. …. id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fl-ittra (a) ta’ l-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili tirreferixxi ruhha ghal lokazzjoni ta’ opera, li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-*locatio operis* li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, imma l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d’opera tkun konnessa ma’ organizazzjoni ta’ mezzi teknici li timprimi lill-lokazzjoni l-karattru ta’ att oggettivament kummercjali.’ ;

L-Artikolu 2148(a) jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti tal-artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta’ l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew **(Kollez. Vol**

**XLI.i.347**) filwaqt li l-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2149(a) tirreferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – '*opus*' 'minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet.' - **Kollez. Vol XLII.iii.1151**; **'Joseph Grech –vs- Emanuela Camilleri e**t', Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977; **'Gio Maria Camilleri –vs- John Licari e**t', Appell Kummercjali, 16 ta' Ottubru 1972; **'Francis Bugeja nomine –vs- Indri Mercieca**', Appell, 29 ta' Mejju 2000. Dawn is-sentenzi kollha ghamlu d-distinzjoni bejn id-dispost tal-ligi hawn ezaminat (Art 2148 (a)) u l-art. 2149(a) li mieghu ghandu certu affinita' ;

Jemergi car mill-provi li l-azzjoni attrici hi prettament naxxenti u bbazata fuq kuntratt ta' appalt li jinkwadra ruhu - ghal dik li hija preskrizzjoni - taht l-artikolu 1249(a) tal-Kodici Civili u mhux taht l-artikolu 1248(a), li kif gia' ntqal, ghalkemm hemm certu affinita' bejn dawn iz-zewg artikoli tal-ligi, huma pero' distinti minn xulxin. L-artikolu 1249(a) jipprovdi li l-azzjonijiet tal-kuntratturi ta' bini jew ta' xogholijiet ohra ta' njam, jew materjal iehor ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu jaqghu bi preskrizzjoni ta' l-gheluq ta' sentejn. Jiddependi hafna mill-agir u l-intenzjoni tal-partijiet u jekk l-intenzjoni kienetx wahda *di dare* l-kuntratt ghandu jitqies bhala bejgh waqt li jekk l-intenzjoni kienet *di fare* japplikaw il-principji ta' l-appalt [Qorti Kummercjali, **George Camilleri vs Joseph Mamo noe**, 28/08/1951, Kollez. Vol. XXV.iii639), u **George Vassallo vs Lawrence Fenech et noe**, 26/04/1988, u Appell Inferjuri Civili, **Frederick Micallef noe et vs May Sullivan**, 22/11/2002]. Hu sufficjenti li wiehed ihares lejn in-natura tax-xogholijiet li gew esegwiti mis-socjeta' attrici fejn minbarra li sar xoghol ta' tiswija kemm fuq l-apparat tal-arja kundizzjonata, u wkoll fuq is-saqaf tal-vettura, is-socjeta' attrici pprovdiet ukoll il-materjal u l-*parts* ;

Il-kuntratt tal-appalt ghax-xoghol li sar mis-socjeta' attrici ma jbiddilx is-sostanza tieghu mill-fatt jekk giex redatt bil-miktub jew jekk sarx verbalment. Biex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni

partikolari wiehed irid jezamina d-dispozizzjonijiet partikolari tal-kuntratt li minnu titwieled l-azzjoni, u fl-ewwel lok jistabilixxi s-sustanza tar-relazzjoni guridika ezistenti bejn il-partijiet. Id-dispozizzjoni taht l-artikolu 2149(a) ma tikkontemplax il-kaz ta' forrnituri ta' materjal in genere, izda tal-fornituri li jsiru minn…..appaltaturi ta' xogholijiet, li flimkien mal-opra taghhom ikunu in konnessjoni mal-istess opera fornew ukoll il-materjali mehtiega [(Ara **A.M.C. Marketing Ltd. vs Pletz Holdings Ltd.** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-22 ta' Frar 2002). Hekk gie ribadit ukoll fis-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Paul Formosa vs Salvu Debono** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001]. Fil-kaz in dizamina s-socjeta' attrici qed tagixxi gudizzjarjament biex tkun kanonizzat kreditrici tal-konvenut fis-somma msemmija fl-avviz tat-talba allegatament dovuta bhala prezz ta' xoghol ta' tiswija tal-apparat tal-arja kundizzjonata u wkoll tiswija fuq is-saqaf tal-vettura, f'liema prezz hemm inkluz ukoll il-fornitura tal-materjal u l-*parts*, minbarra x-xoghol tat-tiswija kif jirrizulta mill-invoice numru 00959 markata dokument 'A' datata l-14 ta' Ottubru 2006, u mid-dokument 'OS1' a fol.33 li huwa *breakdown* tal-kont tal-hlas li qed titlob is-socjeta' attrici ;

Illi tkun inutili kull indagini ulterjuri biex wiehed jara jekk l-odjerna azzjoni tas-socjeta' attrici waqghetx jew le bil-preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn, billi din il-preskrizzjoni ma gietx invokata mill-konvenut; u ghaliex, invokata wahda mill-preskrizzjonijiet partikolari kontemplati fis-subtitolu IV, tat-Titolu XXV, tat-Taqsima II tal-Kodici citat, dan it-Tribunal ma jistghax, jekk dik invokata tirrizulta insostenibbli, ifittex biex jara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni ohra partikolari li ma tkunx giet invokata [artikolu. 2111 tal-Kodici Civili], u lanqas jista' jikkonsidra ebda preskrizzjoni ohra hlief dik specifikatament eccepita ('**Perit Victor Muscat –vs- Edgar Tabone**', Appell Civili, 18 ta' Frar 1963; **'Paul Xuereb –vs- Amabile Fiott'**, Appell Sede Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975). Il-Qorti tal-Kummerc espremiet ruhha f'dan is-sens :- *'Il-konvenut ma ssolleva ebda eccezzjoni ohra ta' preskrizzjoni u l-Qorti ma tistax tikkonsidra jew tapplika preskrizzjoni li ma gietx espressament imsemmija, u ma tistax tapplika*

*terminu iehor ta' preskrizzjon*i' – '**George Cini –vs- Rita Camiller**i', 26 ta' Lulju 1979. Bl-istes mod esprimiet ruhha il-Qorti Civili Prim'Awla fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet : '**Ronald Nauci vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd.**, 26.06.2003. : 'Minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva.' ;

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Il-preskrizzjoni wkoll, dik tax-xorta li titfi l-process, hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni ;

Ghalhekk hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici ghandha tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka, izda l-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Il-parti mharrka trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan miz-zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq. (Ara **Guido Vella vs Emanuel Cefa**i, Appell Civili tal-5 ta' Ottubru 2001, u **Victor Portelli vs Mark Psail**a, deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003). Ara wkoll f'dan ir-rigward il-kawza deciza fl-4 ta' Dicembru 1987 mill-Onor. Qorti tal-Kummerc, Onor. Imhallef Dr. J. D. Camilleri fl-ismjiet **Edgar Causon noe vs Abdelsalam Sheiban**i, u **Camilleri vs Frendo** (Kollezz. Vol XII pg.144) u **Joseph Borg vs Nobbli Maria Testaferrata Bonici** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Marzu
1958. L-ittra ufficjali mis-socjeta' attrici saret inqas minn sentejn minn meta harget il-kont u ntbaghat lill-konvenut, u ghalhekk anke' li kieku l-konvenut kellu jqajjem ukoll l-eccezzjoni li l-azzjoni kienet perenta fit-termini tal-artikolu

2149 tal-Kap.12, mill-provi in atti jirrizulta car li z-zmien preskrittiv taht dan l-artikolu specifiku tal-ligi kien ukoll gie nterrott ;

L-ewwel eccezzjoni qeghda ghalhekk tigi michuda ;

L-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut jolqtu fis-sustanza taghhom il-meritu tal-kawza. Il-konvenut jeccepixxi li x-xogholijiet ma gewx awtorizzati mid-Dipartiment tal-Customer Services li jaqa’ taht ir-responsabbilita’ diretta tal-Ministeru ghal Ghawdex, u li inoltre x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha. M’hemmx kontestazzjoni, u dan hareg car mill-provi, li x-xoghol mis-socjeta’ attrici sar, liema xoghol kien mehtieg li jsir b’mod urgenti minhabba l-bzonn li l-Isptar Generali t’Ghawdex kellu ta’ din il-vettura partikolari ghat-trasport tal-pazjenti ghawdxin lejn u mill-isptar St. Luke’s, Malta, li ghandhom bzonn tal-kura medika f’Malta. Hareg car ukoll mill-provi li x-xoghol m’ghamlitux is-socjeta’ attrici minn jedda, izda sar bl-approvazzjoni u struzzjonijiet specifici ta’ Renaldo Cini, li huwa l-persuna responsabbli mill-amministrazzjoni tal-isptar, kif wara kollox ikkonferma Angelo Muscat li dak iz-zmien kien impjegat fl-isptar bhala *assistant foreman* li kellu taht idejh il-vetturi kollha tal-isptar. Dan it-Tribunal huwa konvint mill-provi in atti li x-xoghol sar u kien awtorizzat li jsir, u ghalhekk l-eccezzjoni li x-xoghol ma kienx awtorizzat mid-Dipartiment tal-Customer Services hija nsostenibbli bhalma hija wkoll insostenibbli l-eccezzjoni li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha meta dwar dan il-konvenut ma ressaq ebda provi  la fejn ix-xoghol sar hazin, la kif sar hazin, u lanqas ma ngabet ebda prova min u b’min kien rega’ tranga x-xoghol li allegatament kien sar hazing mis-socjeta’ attrici. Ix-xhud Angelo Muscat spjega li sakemm huwa gie biex jirtira mix-xoghol fis-sena 2007, il-vettura li fuqha saru t-tiswijiet hadmet kif l-istess hadem l-apparat tal-arja kundizzjonata minghajr ma kellu ebda lmenti minn kull min kien saq il-vettura. Zied jghid ukoll li anke’ wara li hareg mis-servizz civili, huwa kien inzerta wkoll ra din il-vettura taqsam minn Malta ghal Ghawdex bil-pazjenti fiha. Dan it-Tribunal ma jistax joqghod fuq id-depozizzjoni ta’ Renaldo Cini li qghad jittituba u kien wisq evaziv fix-xhieda tieghu,

u jqis ix-xhieda ta’ Angelo Muscat bhala wahda konsistenti u fededenja kemm a rigward il-konsistenza tal-hsara kif ukoll a rigward it-tiswijiet li saru, u huwa moralment konvint mill-assjem tal-provi in atti li mhux biss ix-xogholijiet saru, izda li dawn ix-xogholijiet saru bl-approvazzjoni tal-awtoritajiet tal-isptar t’Ghawdex li jaqghu taht ir-responsabbilita’ diretta tad-Dipartiment tal-Customer Services fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex ;

Inghad li ‘mhux kwalunkwe’ tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita’ li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ l-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa’ soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m’ghandhiex taqa’ comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke’ fuq il-bilanc tal-probabilita’ u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant .... .... . Anzi’, f’kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita’ tal-qerq da parti ta’ xi wiehed mill-kontendenti .’ [Prim’Awla, **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, 24 ta’ Novembru 1966, per Imhallef Maurice Caruana Curran]. F’sentenza ohra l-imsemmi Imhallef insenji kien ippreciza illi ‘fi kwistjoni ta’ kredibilita’ u apprezzament ta’ provi il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja.’ [Appell Sede Inferjuri, **Joseph Borg et vs Joseph Bartolo**, 25 ta’ Gunju 1980] ;

Fl-ahhar nett lanqas mhu gustifikat il-konvenut li jilmenta li huwa ma nghatax *breakdown* tal-kont, u kienet ir-responsabbilita’ tieghu li, jekk deherlu li l-fattura mahruga mis-socjeta’ attrici ma kenitx dettaljata bizzejjed dwar ix-xogholijiet li kienu saru sabiex il-hlas ikun jista’ jigi pprocessat, jitlobha rendikont dettaljat tax-xoghol li sar,

tal-materjal uzat, u tal-parts li nbidlu, izda certament ma kienx gustifikat li ma jhallasx, u fejn kellu xi dubbju jew ilment dwar ix-xoghol jew dwar il-hlas mitlub dan kellu jigi ndirizzat minnufih u mhux halla lis-socjeta' attrici li tasal ghal proceduri odjerni biex tithallas ta' xogholha ;

It-talba attrici hija ghalhekk gustifikata u timmerita li tigi milqugha. Dwar l-ammont mitlub tal-kont dan bl-ebda mod ma gie kkontestat mill-konvenut ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef mitejn u sebgha u tmenin Euro u erbghin centezmi (€3,287.40) rapprezentanti xoghol ta' tiswija ezegwita fuq il-vettura tal-ghamla Targata bin-numru ta' registrazzjoni LAC-549, bl-imghax legali b'effett mill-14 ta' Ottubru 2006, meta harget il-fattura sal-effettiv pagament ;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, inkluzi wkoll dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Awwissu 2008 (Ittra numru 480/2008).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------